MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2007

Numru. 533/2005

**Il-Pulizija**
**(Sp. Pierre Grech)**

**v**

**Rodrick Farrugia ta’ 23 sena**
**bin il-mejjet Anthony u Mary nee Cilia,**
**imwieled Pieta’ nhar is-6 ta’ Frar, 1982,**
**u residenti 5, Triq il-Gardenja, Santa Lucija,**
**detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru**
**145182 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Rodrick Farrugia li gie akkuzat talli f’Santa Lucia nhar il-15 ta’ Gunju, 2005

(a) attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti.
(b) U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indecenti, jew ghamel atti jew gesti oxxeni, jew b'xi mod iehor offenda l-morali, l-imgieba xierqa jew id-dicenza pubblika.
(c) U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-pace pubblika b'ghajat u glied.
(d) U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi moghtija lilu minn ufficjali tal-Pulizija, jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt li kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom jew b'xi mod iehor bla jedd indahal fi dmirithom, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi gab fix-xejn dak li haddiehor kien ghamel skond il-ligi
(e) U aktar talli sar recidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) mill-Magistrat Dr C. Peralta LL. D.nhar it-30 ta' Ottubru, 2002, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali a fol 7.

Rat li l-akkuzat ta l-kunsens tieghu ghal proceduri sommarji kif ukoll fl-interrogatorju illi huwa wiegeb li ma kienx hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Illi l-fatti juru illi membri tal-Korp fuq istruzzjoni ta' l-Ufficjal Prosekutur marru jesegwixxu arrest u search warrant fid-dar ta' l-akkuzat, tal-familja Farrugia u l-ewwel mandat ta' arrest fuq hu l-akkuzat.

Illi fil-fatt l-akkuzat jidher illi rreagixxa lejn u kontra l-membri tal-Korp li marru ghall-ezekuzzjoni meta l-istess pulizija riedu jaffettwaw is-search warrant fir-residenza proprja.

Illi fil-fatt jirrizulta mix-xhieda li l-akkuzat fil-fatt kif sar jaf li kien se jigi l-mandat fid-dar tant sar aggressiv lejn il-pulizija tant li aggredixxa lil WPS Marisa Bartolo meta hi ppruvat taghtih il-warrant. Tghid fil-fatt illum il-Maggur Bartolo illi l-akkuzat beda jkellimhom hazin u joffendihom. Tiddeskrivi l-attitudni tieghu bhala wahda aggressiva hafna. Tkompli billi tghid illi tant kien hekk li anke spicca halla wiehed mill-islippers li kien liebes gewwa l-vettura tal-Pulizija ghax darba li ddahhal hemm tant ta bis-sieq l-istess vettura.

PS 1044 Gordon Calleja jiddeskrivi kif Farrugia ipprova jaggredixxi li l-Maggur Bartolo (gia s-Surgent Bartolo), l-istess Surgent Calleja pprova jwaqqfu u l-istess Farrugia pprova jigdmu. Tant l-aggressjoni ta’ Farrugia, li tieghu biss ghax ghalkemm imwaqqaf ma’ membri ohra tal-familja tieghu dan ma rreagixxewx, li anke meta ddahhal fil-vettura tal-Korp beda jhedded li se jkisser il-hgiega ta’ l-istess u jaghti bis-sieq mal-bieba taghha.

Ikkonsidrat

Illi fl-ewwel lok hija l-fehma ta’ din il-Qorti illi n-nuqqas ta’ esebizzjoni tal-mandat debitament iffirmat minn Magistrat ma jimpingi xejn fuq il-mertu ta’ din il-kawza, dan ghaliex l-akkuzat fix-xhieda tieghu ghalkemm fil-bidu nsistenti illi l-Pulizija qatt ma tawh dettalja talli kien se jigi arrestat, aniz talli kienu se jehduh id-depot, anzi jghid li qatt ma wrewh <u>il-ktieb</u> (enfazi tal-Qorti), aktar tard fix-xhieda jammetti illi fil-fatt il-mandat kien mahrug fuq huh.

Illi fil-kors tax-xhieda tieghu jirrizulta wkoll illi Farrugia (a) ibati minn depression u ta’ hekk kien jircevi kura (b) illi hax kellu legamenti maqtughin kien imwegga’ minn saqajh. Ebda wahda minn dawn il-fatturi pero’ qatt ma tista’ tiggustifika l-aggressjoni murija mill-akkuzat lejn il-Korp.

Illi ghandu jigi rilevat ukoll illi a fol 65 id-Difiza ezentat lill-Prosekuzzjoni milli ttella' prova ta' recidiva minhabba s-sentenza esebita bhala Dok DT ( a fol 52).

Illi in vista ta' dak kollu premess u wara li l-Qorti rat l-artikolu 96, 338 tal-Kapitlu 9 ssibu hati ta' l-istess pero' ma taqbilx ma' l-Avukat Difensur fir-rigward tad-diskrezzjoni tar-recidiva in kwantu mis-sentenza esebita jidher li Farrugia gia wera attitudni negattiva lejn l-Ufficjali tal-Pulizija. Dwar il-piena rat ukoll l-artikolu 17 tal-Kapitlu 9 u qed tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sitt xhur li minnhom ghandu jitnaqqas l-arrest preventiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------